# Editorjal

Matul din is-sena, l-editorjal se jiffoka fuq it-tema tal-katekeżi.
Nirringrazzjaw lil Fr Carl M Sultana li se jaqsam magħna l-ħsibijiet tiegħu

## Il-Katekeżi: Imnebbħa mill-Kelma ta' Alla

Għal ħafna żmien il-Kelma ta' Alla ma kinitx tingħata l-importanza li qed tingħata llum fil-katekeżi. Dan minħabba l-fatt li kienet tintuża b'mod strumentali biss, b'mod partikulari biex issaħħaħ u tissapportja t-tagħlim u d-duttrina tal-Knisja fi żminijiet li fihom kien qiegħed jinfirex ħafna tagħlim żbaljat. Illum, intbaħna li l-valur tal-Kelma ta' Alla mhux biss li ssaħħaħ it-tagħlim tal-Knisja, imma li hija wkoll l-istess pedament tat-tagħlim tal-Knisja.

Il-Kelma ta' Alla hija għajn tal-ħajja u tal-prattika nisranija. Hija dik li tagħtina dawl fuq dak kollu li aħna mhux biss nistgħu nagħmlu, imma li bħala nsara aħna mistennijin li nagħmlu. Il-Kelma ta' Alla hija wkoll l-għajn tat-tagħlim kollu tal-Knisja. Ma jistax ikollna tagħlim tal-Knisja li jmur kontra l-Kelma ta' Alla, għaliex dak li nsibu fit-tagħlim tal-Knisja huwa spjegazzjoni u applikazzjoni ta' dak li nsibu miktub fil-Kelma ta' Alla.

Huwa minħabba f'hekk li l-Kelma ta' Alla hija fiċ-ċentru tal-katekeżi: għaliex kull tagħlim li aħna nwasslu għandu jkollu l-għeruq tiegħu fil-Kelma ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla hija l-pilastru ċentrali li fuqu għandha tinbena l-katekeżi. Dan mhux biss ifisser li aħna għandna dejjem nitilqu mill-Kelma ta' Alla, u li l-Kelma ta' Alla għandha tkun il-pedament li fuqu nibnu kull diskors tagħna fil-katekeżi, imma wkoll li ngħinu lill-persuni kollha li niltaqgħu magħhom fil-proċess tal-katekeżi, u b'mod speċjali lit-tfal, biex jikkonfrontaw l-esperjenza tal-ħajja tagħhom ma' dak li nsibu fil-Kelma ta' Alla. B'hekk dik l-esperjenza li jgħaddi minnha kulħadd b'modi differenti f'ħajtu, ma tibqax biss esperjenza fuq livell uman, imma tingħata tifsira ferm aktar għolja, u rikka.

Meta aħna naraw, u naqraw, l-esperjenza tagħna fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, nindunaw li Alla qiegħed jimxi magħna bl-istess mod kif kien jimxi mal-Poplu l-Magħżul tiegħu Iżrael, kif Ġesù kien jimxi man-nies ta' żmienu, u kif l-Ispirtu s-Santu dejjem mexxa lill-Knisja kollha. B'hekk l-esperjenza ssir waħda li fiha naraw l-id ta' Alla f'ħajjitna; naraw li Alla daħal f'ħajjitna, u taha tifsira oħra li tisboq kull tifsira oħra li tista' tingħatalha fuq livell uman.

Mela l-Kelma ta' Alla fil-katekeżi m'għandhiex titqies biss bħala xi ħaġa ta' kontorn jew ornamentali. Hija neċessarja għaliex permezz tagħha, Alla għadu jurina lilu nnifsu bħala Alla li hu Għimmanu-El, Alla magħna. B'hekk nistgħu ngħinu lil kulħadd iwieġeb aktar għas-sejħa ta' Alla permezz tal-fidi.